MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 784/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Hayden Schembri (I.D. nru. 385078(M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman datat fl-10 t’Ottubru 2000 (Dok. A), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Hayden Schembri;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Hayden Schembri fis-somma ta' erbgha u erbghin elf, u wiehed Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm44,001.41) bilanc ghad-debitu fil-*'Loan Accounts'* ta' Hayden Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B',. 'C1 sa C2' 'D1 sa D2') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Hayden Schembri; (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Hayden Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fil-25 ta' Novembru 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument 'A') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Hayden Schembri (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Hayden

Schembri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Hayden Schembri jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u erbghin elf, u wiehed Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm44,001.41) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan Accounts'* ta' Hayden Schembri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B', Dok 'C1 sa C2' 'D1 sa D2') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fil-25 ta' Novembru 2004 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-intimat li biha ammetta it-talbiet kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat it-talba kif mitluba fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimat tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------